MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 160/2005

**Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd (C 15722)**

**Vs**

**S.C. Car Rentals Ltd. (C 19681)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett t'elef tminn mija u tmienja u erbghin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm3,848.32) in kwantu s-somma ta' tlett t'elef u seba' mitt lira Maltija (Lm3,700) rapprezentanti arretrati ta' kera dovuti a tenur tal-kuntratt ta' kera bejn il-kontendenti tal-15 ta' Jannar, 2001, u in kwantu s-somma ta' mija u tmienja u erbghin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm148.32) rapprezentanti imghax kummercjali kalkulat sal-15 ta' Frar, 2005, minghajr pregudizzju ghal imghax ulterjuri.

Is-socjeta’ konvenuta ghalkemm inteperpellata, anke permezz ta’ ittra ufficjali tad-29 ta’ Settembru 2004, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-11 ta’ Awissu, 2004 dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Settembru, 2004, u dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tal-14 ta’ Marzu, 2005, u bl-imghax kummercjali dekorribbli mis-16 ta’ Frar, 2005, sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra s-socjeta’ konvenuta, li rapprezentant/i legali taghha gew gie/gew ingunt/i in subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-30 ta' Mejju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm3848.32,0 komplessivament bl-imghax kummercjali mis-16 ta’ Frar 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra legali tal-11 ta’ Awissu 2004, ta’ dik ufficjali tad-29 ta’ Settembru 2004 u dawk tal-mandati kawtelatorji ta’ sekwestru tal-14 ta’ Marzu 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------